SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU CM14-13

Illum it-Tnejn, 27 ta' Mejju 2013

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.30 pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru CM13-13 li saret nhar it-Tnejn, 22 ta' April 2013 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

**1.1.1** Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għal minuta numru 8.3 u staqsiet x'sar fir-rigward tal-*boards* informattivi dwar il-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li ser iqajjem din il-proposta waqt laqgħa teknika li ser isir mill-partijiet ikkonċernati dwar dan il-proġett.

# 2. KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-22 ta' April 2013 u s-27 ta' Mejju 2013 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0539/13/O – L-Onor. Joe Mizzi, Ministru għat-Trasport u Nfrastruttura – proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'
- 0550/13/0 - L-Onor. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari - proġett tal-Jogging Track
- 0589/13/O – Land use at MSDEC – qtugħ ġoff ta' siġar ġo Santa Luċija

**2.2.2** ***Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 467/13/I – Paragon Europe – IEE EU Proposal
- 0524/13/I - Dipartiment għall-Gvern Lokali: Allokazzjoni Finanzjarja
- 0587/13/I – Police General Headquarters – Cardphone Booth in Dawret it-Torri
- 595/13/I – Fondazzjoni għal-Servizzi Edukattivi – Irrakuntar tal-istejjer fil-Ġonna Pubbliċi
- 593/13/I – ANSEK – Sħubija miftuha għall-Kunsilli Lokali

**2.2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- *Report entitled "Same Sex: Same Civil Entitlements by the Today Public Policy*
- SLLC *Memo* 3/2013 - Sejħa għall-offerti ref: RR/PW(57/13/01)-Road Resurfacing and Major Patching

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 467/13/I il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li juri li hu interessat li jipparteċipa fi proġett ta' l-Unjoni Ewropea taħt il-programm Intelligent Energy Europe Programm.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0524/13/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja għal Kunsill ta' Santa Luċija għal perjodu bejn Jannar u Diċembru 2013 tammonta għall-€296,298 . Is-Sindku qara kif ġiet imqassma din l-allokazzjoni skond il-funzjonijiet.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 587/13/I is-Sindku informa li t-talba li għamel il-Kunsill biex issir *bubble booth* mal-ġenb ta' l-għassa tal-Pulizija ma kientx ġiet aċċettata għar-raġuni li din ser tkun qiegħda f'passaġġ. Is-Sindku qal li kien għamel kuntatt mal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija dwar din id-deċiżjoni fejn spjega li l-passaġġ kien wieħed wiesa' biżżejjed u mhux ser jiġi ostakolat.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 595/13/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar talba li saret mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi biex torganizza sezzjonijiet ta' rrakkuntar tal-istejjer għat-tfal fi-Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u peress li f'dan il-ġnien kien ser jibda xogħol intensiv ta'

rinovazzjoni, ġie propost li l-Fondazzjoni settet tuża Pjazza 7 ta' Lulju biex fiha ssir din l-inizjattiva.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 593/13/I il-Kunsill qabel ma' l-proposta ta' l-ANSEK li jissieħeb bħala Membru Korporattiv.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0539/13/O is-Sindku nforma l-Kunsill li kien kiteb lil Ministru Joe Mizzi dwar il-qlugħ u transplantazzjoni ta' siġar minn Ġnien is-Serenita' u kien ser jikteb ukoll lil Ministru Leo Brincat dwar dan.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0550/13/O is-Sindku nforma l-Kunsill li kien kiteb lil Onor. Stefan Buontempo dwar il-proġett tal-Jogging Track u kien stiednu jżur il-lokalita' ta' Santa Luċija ħalli jkun jistgħa jispjegalu aħjar dwar dan il-proġett.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0589/13/O is-Sindku rrefera għal xogħol fuq zbir tas-siġar li kien ordnat mill-Kunsill fi Triq Begonja madwar il-*ground* tal-*football* u qal li l-Kunsill kien irċieva oġezzjoni mill Land Use at MSDEC fuq il-mod ta' kif dawn is-siġar ġew miżbura. Is-Sindku qal intbagħtet tweġiba għal din l-oġġezzjoni fejn ġie spjegat li dawn is-siġar kienu tbaxxew u nżabru peress li nies anzjani li jgħixu fl-appartamenti u li forsi l-uniku sfog li għandhom huwa li jittawlu mill-verandi u twieqi, ilmentaw mal-Kunsill li ma setgħu jaraw xejn ħlief dawn is-sigar ma wiċċhom. Is-Sindku qal ukoll li madwar sentejn ilu dan l-eżerċizzju sar mill-Parks Department b'mod ħafna aktar drastiku u dakinhar ħadd ma oġġezzjona.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Residenti li jridu jifdu iċ-ċens tal-garaxx tagħhom*

Is-Sindku tkellem dwar numru ta' residenti li xtaqu jifdu ċ-ċens tal-ġaraxxijiet tagħhom. Huwa qal li jħoss li t-talba ta' dawn ir-residenti hija waħda ġustifikata u li kien kiteb dwar dan il-każ lis-Segretarju Parlamentari L-Onor. Michael Farrugia.

### *4.2 Seminar għaż-Żgħażagħ*

Is-Sindku qal li xtaq jorganizza seminar li jagħti l-opportunita' liż-żgħażagħ ta' Santa Luċija li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar l-*issue* tal-vot ta' sittax 'il sena. Huwa qal li dan is-seminar jista' jiġi organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Kappillan. Kien hemm qbil dwar din il-proposta u l-Viċi Sindku kien ser jieħu ħsieb jorganizza dan is-seminar.

### 4.3 *Esibizzjoni ta' l-Arti fi Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku tkellem dwar esibizzjoni ta' l-arti ta' l-artista Janet Fiott li ser tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fi Ġnien is-Serenita' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2013. Is-Sindku qal li l-Kunsill huwa mistieden jattendi għall-inawgurazzjoni ta' din il-Esibizzjoni.

### 4.4 *Tournament Censu Borg Bonaci Cup*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar l-attivita' sportiva tal-Klabb tal-Football li qed tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Huwa qal li l-logħba finali ser tintlagħb nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2013 fis-7.30p.m. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi pprezentata *trophy* lir-rebbieħa.

### 4.5 *Attivitajiet tal-Kunsill fl-Okkazzjoni ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier*

Il-Kunsillier Joe Bonello qal li l-Ħarġa ta' Jum l-Omm li saret nhar l-24 ta' Mejju 2013 kienet suċċess u rringrazzja l-istaff tal-Kunsill tal-koperazzjoni. Huwa qal li kien ser jorganizza attivita' oħra fl-okkazzjoni ta' Jum il-Missier u d-dettalji għaliha jitħabbru aktar tard.

### 4.6 *Attivitajiet fl-okkazzjoni ta' Jum Santa Luċija*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-librara tal-Kunsill kienet qed tipproponi diversi attivitajiet relatati mas-servizz offrut mill-librerija pubblika ta' Santa Luċija. Fost dawn il-librara kienet qed tipproponi li dawn l-attivitajiet ikunu mifruxa fuq jumejn. Hija ssuġġerit li fil-5 ta' Lulju 2013 ssir attivita' dedikata lit-tfal fejn dawn iżuru *printing press* u jsir *story telling* minn awtur li jikteb kotba tat-tfal kif ukoll qwiz għat-tfal u fi tmiem l-attivita' jiġu offruti wkoll xi *refreshements*. Hija pproponiet li l-4 jew fil-5 ta' Lulju 2013 titella attivita' għall-adulti fejn issir diskussjoni ma' awtur popolari Malti u wara titella' esibizzjoni ta' ritratti antiki, bollol u muniti bl-għajnuna tar-residenti stess.

Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva u ta l-approvazzjoni tiegħu għal dawn l-attivitajiet kif proposti,

### 4.7 *Attivitajiet oħra tal-Kunsill*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill dwar taħdita' dwar is-saħħa li kienet ser titella' flimkien ma' l-Ministeru tas-Saħħa fejn matulha ser tkun qed tingħata informazzjoni dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Screening. Hija qalet li kien ser joħroġ avviż bid-dettalji kollha ta' din l-inizjattiva.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li kienu ser jibdew il-*fitness classes* mingħajr ħlas għar-residenti u d-dettalji kollha dwar din l-attivita' jinsabu fuq avviż li kien ser joħroġ il-Kunsill. Hija fakkret li l-Kunsill kien ingħata fondi għal din l-attivita' taħt skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2013 (Memo 49/2012). Hija qalet ukoll li din l-attivita qed titella' bil-kollabrazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Isports, mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali u s-Segretarjat Parlamentari Żgħażagħ u Sport.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4506 sa numru BOV4574 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn 03-04-2013 sa 13-05-2013.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru CM13-13(22-04-13)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' April 2013 Ammont *Gross* €4822.26

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Euro |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Serv. April 13 | 2774.00 |
| Ronald Bezzina | SS(57/12/03) | Serv. April13 | 273.00 |
| Owen Borg | SS(57/12/01) | Serv. April 13 | 1025.20 |
| Saviour Mifsud | PCA (57/11/06) | Serv April 13 | 625.41 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | ELC Ltd. April13 | 2061.50 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57/12/02) | 03/13 | 183.16 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57/12/02) | 02/13 | 515.57 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57/12/02) | 01/13 | 2728.69 |

## 6. XOGĦOLIJIET

### *6.1 ATM f'Santa Luċija*

Is-Sindku rrefera għall-ATM ġdida, li qed jipproponu li jgħamlu l-BOV, minflok dik eżistenti. Huwa qal li d-DNO application li saret lil Mepa ma ġietx aċċetata u l-Kunsill intalab biex jissottometti Full Development Application. Is-Sindku spjega kif l-ATM li hemm bħalissa trid ħafna spejjeż biex isirlha l-*maintenance*. Huwa qal li kull darba li jkollom bzonn issewwuha jridu jaqilhu l-armarta. L-ATM li qed jipproponi li jagħmel il-BOV ser tkun f'kamra bl-arja kkundizzjonata u tagħti flus varji u mhux karti tal-€50 biss bħal kif hemm bħalissa. Huwa qal li hekk kif joħroġ il-permess ikun hemm inkonvenjent ta' madwar xahar sakemm tiġi nstallat l-ATM il-ġdida.

### *6.2 Triq il-Ġnien*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien tlesta *l-Electricity Resistivity Survey* li sar fi Triq il-Ġnien. Huwa qal li dan kien rapport tekniku biex jiġi stabbilit jekk hemmx xi ġibja jew le f'din it-Triq u ser ikun utili biex ikunu jistgħu jsiru l-pjanti tar-*reserv*oir li l-Kunsill qed jippjana li jagħmel f'din l-*area*.

### *6.3 Ċentru tal-Kommunita'*

Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni tal-Mepa fir-rigward tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Huwa qal li bir-rati l-ġodda tal-Mepa, id-*Development Permit Fee* naqas minn €22,522.80 għall-€14,698,56. Is-Sindku qal li l-periti tal-Kunsill kitbu lil Mepa biex talbu estenzjoni ta' tlett xhur biex jitħallas dan il-*fee*. Is-Sindku qal ukoll li kien ingħata parir biex din l-applikazzjoni titneħħa minn *commercial application* għax m'hemm xejn kummerċjali f'dan il-proġett. Huwa qal li f'dan il-każ dan il-*permit fee* jerġa jonqos.

### *6.4 Proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku nforma l-Kunsill bl-aħħar żviluppi fir-rigward tal-proġett hawn fuq imsemmi. Huwa qal li l-Kunsill ġab kwotazzjoni biex ikun jistgħu jiġi transplantati numru ta' siġar li jridu jitneħħew mill-ġnien u jinqagħlu xi siġar oħra skond il-permess tal-Mepa. Is-Sindku qal li l-ispiża nvoluta tammonta għal €8,165.60. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kiteb lil PARKS dwar il-possibilita' li dan ix-xogħol isir minn dan id-Dipartiment.

### *6.5 Kisi ta' Toroq taħt l-iskema tal-PPP*

Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li kellu jibda fi Triq Ġuljetta Lopez. Huwa qal li l-kuntrattur ma setgħax isib minn jagħmillu x-xogħol rikjest mill-kumpanija GO p.l.c. minħabba r-rati li toffri din il-kumpanija. Huwa kompla jgħid li jittama li tinsab soluzjoni ħalli jibda x-xogħol mingħajr aktar dewmien.

### *6.6 Xogħol u Manutenzjoni ta' Toroq u Bankini*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar xogħolijiet li saru mill-kuntrattur Ricky Caruana. Huwa qal li fi Triq Maria De Domenicis tneħħiet konka ta' siġra u saret rampa ma' Binja tal-Faqqani peress li ġew irranġati l-*parking bays*. Is-Sindku nforma wkoll li kienet tlestiet l-*elevation* rikjesta minn Transport Malta fi Triq Inez Soler. Huwa qal ukoll li f'din it-triq jonqos isir il-*crossing* għal *belisha lights.*

### *6.7 Xogħol ta' l-Enemalta fi Triq Gardenja u Triq il-Ġnien*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet dwar x'qiegħed isir fi Triq Gardenja u Triq il-Ġnien. Is-Sindku wieġeb li bħalissa għaddej xogħol ta' l-Enemalta biex jitneħħa *high tension cable* li għaddej mill-parapetti tar-residenti f'dawn it-toroq u qed isir *re-shiting* tal-*cable.*

### *6.8 Għamara tat-toroq*

Il-Kunsilliera Caroline Galea tkelmet dwar *bins* imkissrin li hemm quddiem il-ħwienet f'Dawret it-Torri u qalet li dawn huma ta' *eye-sore*. Hija semmiet ukoll il-mera fi Triq tal-Barrani li għada ma saritx. Is-Sindku qal li il-*bins* imkissrin għandhom jitneħħew u jsiru numru anqas jew naraw jekk jistax isir *maintenance* fuqhom mill-ħaddiema ta' l-ETC. Saret referenza wkoll għal *maintenance* tal-bankijiet u ssemmiet il-possibilta' li jinstab *sponsor* li jidħol għal dan ix-xogħol.

### *6.9 Talba għal dawl ġdid*

Il-Kunsill innota talba biex fi Triq il-Qoton isir bozza peress li fuq in-naħa ta' ġewwa m'hemmx dawl adegwat. Is-Sindku qal li kien ser jara jekk din it-talba kienitx ġustifika.

## 7 RAPPORT DWAR IL-MANAGEMENT LETTER

Is-Sindku informa l-Kunsill li qed titħejja it-tweġiba tal-Kunsill għal *Management Letter* li bagħtu l-awdituri tal-Kunsill. Huwa qal li peress li din hija tweġiba teknika,

hemm bżonn tal-pariri tal-*accountant* tal-Kunsill. Huwa qal li kif ikun iffinalizzat dan ir-rapport ser jintbagħt b'*e-mail* lil Kunsillieri ħalli tkun tista' tinbagħt it-tweġiba fil-ħin stabbilit.

**8. KUNTRATT RR/PW(57/13/1**

Saret referenza għall-Memo SLLC 3-2013 dwar is-sejħa għall-Kuntratt hawn fuq imsemmi u għall-*Adjudication Report* li ħejjew il-periti tal-Kunsill dwar l-offert ta' Philip Agius & Sons Ltd li kien l-uniku kuntrattur li tefgħa offerta għal din is-sejħa. Il-Kunsill ikkonferma li fuq rakkomandazzjoni tal-periti tal-Kunsill kien qed jaqbel li dan il-Kuntratt għandu jingħata lil Philip Agius & Sons.

**9. TMIEM**

Il-Laqgħa ntemmet fi-6.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju 2013 fl-4.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ....................,...... ta' ........................ 2013**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**